MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 466/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**-vs-**

**Carmel Deguara**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta' Mejju 2012 li permezz tiegħu l-Bank attur premetta:

Illi in forza ta' bejgħ in subbasta numru 47/96 miżmum taħt l-Awtorita' ta' Din l-Onorabbli Qorti nhar l-10 ta' Ottubru 2010, ġie lliberat għaf-favur tas-soċjeta' attriċi l-fond u ċjoe' *maisonette*, li jismu "Charsette", numru 13 fi Triq Hector Dalli, Żejtun, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€2.33)li jikkonfina mit-Tramuntana mal-istess Triq Hector Dalli, mill-Punent u min- Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Carmel

Zammit Endrich jew tas-suċċessuri tiegħu bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, kif aħjar jidher mill-kopja tal-istess liberazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok "A" liema fond kien qabel jappartjeni lil konvenut u lil martu Josephine Deguara;

Illi minkejja l-imsemmija liberazzjoni l-konvenut u martu baqgħu jokkupaw l-istess fond u permezz ta' sentenza mogħtija minn Din l-Onorabbli Qorti fit-28 ta' Ġunju 2007 (Dok "B"), l-istess konvenut u martu ġew ikkundannati sabiex fi żmien sittin (60) ġurnata mid-data tal-imsmemija sentenza, jiżgombraw mill-fond fuq imsemmi;

Illi l-konvenut u martu naqsu li jottemperaw ruħhom mal-imsemmija sentenza tat-28 ta' Ġunju 2007 u permezz ta' Mandat ta' Żgumbrament numru 1390/07 li kopja legali tiegħu qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok "C", il-Marixxal Eżekutant esegwixxa l-istess Mandat u fit-28 ta' Marzu 2008, żgombra lill-konvenut u lill-martu mill-fond mertu ta' din il-kawża u għalhekk, mill-imsemmi jum, l-esponenti kienet proprjetarja u kellha l-pussess vakanti tal-fond fuq imsemmi;

Illi l-esponenti taf li hija baqgħet timmantjeni l-istess pussess vakanti tal-anqas sat-13 ta' Marzu 2012 meta aċċedew uffiċjali tal-istess soċjeta' esponenti bażikament is-sitwazzjoni baqgħet l-istess kif il-Bank irċeviha bl-iżgumbrament li seħħ fit-28 ta' Marzu 2008;

Illi ġara pero' li xi jiem ilu, uffiċjali tas-soċjeta' esponenti aċċedew għall-istess fond fuq imsemmi "Charsette", Triq Hector Dalli, Żejtun,u sabu li l-konvenut kien vjolentement u klandestinament spussessa lis-soċjeta' attriċi billi waħħal ktajjen, *padlocks* mal-bieb ta' barra tal-imsemmija fond u għalhekk imbarra l-aċċess lill-esponenti għall-propjeta' tagħha fuq imsemmija kif aħjar jirriżulta mir-ritratti hawn esebit u mmarkati Dok "D1 sa D2";

Illi wara li sar id-debitu rapport mal-Pulizija eżekuttiva, l-konvenut ammetta li huwa kkommetta tali spoll u stqarr li ma huwiex bi ħsiebu jirrintegra lill-attriċi fil-pussess *stante* li dak li għamel, għamlu fuq parir li kellu u bi ħsiebu li

jinsisti fuq il-pożizzjoni tiegħu u għalhekk ma għandux l-ebda intenzjoni jispurga l-ispoll minnu kommess;

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvneut għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi li qegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut kkommetta spoll għad-dannu tas-soċjeta' attriċi meta huwa waħħal ktajjen u l-*padlocks* indikati fid-dokument "D1 sa D2" u b'hekk imbarra l-aċċess u neħħa l-pussess li kellha s-soċjeta' attriċi sa ftit ġimgħat ilu tal-*maisonette* bl-isem "Charsette", 13, Triq Hector Dalli, Żejtun li jikkonfina mit-Tramuntana mal-istess Triq Hector Dalli, mill-Punent u minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Carmel Zammit Endrich jew tas-suċċessuri tiegħu, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu;

(ii) *Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u* perentorju, jispurga l-ispoll u għalhekk ineħħi l-ktajjen u l-*padlocks* li għamel mal-imsemmi fond li bihom qed jinbarraw l-aċċess u jinnega l-pussess lill-attriċi għall-istess fond u ċjoe' *maisonette* bl-isem "Charsette", 13 Triq Hector Dalli, Żejtun li jikkonfina mit-Tramuntana mal-istess Triq Hector Dalli, mill-Punent u minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Carmel Zammit Endrich jew tas-suċċessuri tiegħu, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u li jpoġġi kollox fl-istat prestin li kien fih qabel mal-istess konvenut ikkometta l-isemmi spoll;

(iii) Tordna u tipprovdi li, fin-nuqqas illi l-konvenut jottempera ruħu fiż-żmien lilhom mogħti fil-kundanna fuq it-talba preċedenti, s-soċjeta' attriċi tkun awtorizzata tagħmel dak kollu neċessarju sabiex a spejjeż tal-istess konvenut, tneħħi l-ktajjen u l-*padlocks* indikati fid-Dokument "D1 sa D2" u kwalsiasi ħaġa li għamel l-istess konvenuti sabiex qed jinbarra l-aċċess u jinnegaw il-pussess lill-istess soċjeta' attriċi għall-fond u ċjoe' *maisonette* bl-isem "Charsette", 13 Triq Hector Dalli, Żejtun li jikkonfina mit-Tramuntana mal-istess Triq Hector Dalli, mill-Punent u minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta'

Carmel Zammit Endrich jew tas-suċċessuri tiegħu, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u għalhekk tpoġġi kollox fl-istat prestin li kien fih qabel mal-konvenut ikkommetta l-istess spoll.

Bl-ispejjeż u bir-riżerva għall-kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta’ attriċi kontra l-konvenuti skont il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-bank attur u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta’ Ġunju 2012, Dr Edward Gatt għall-konvenut preżenta nota ta’ ammissjoni.

Rat illi fl-istess seduta l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi fl-ammissjoni tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta’ xahar.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------